



Brussell, 7 ta' April 2022
(OR. fr)

8059/22

AGRI 147
AGRISTR 22
ENV 338
CLIMA 161
FORETS 26
RECH 181

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	15045/21
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-agrikoltura u l-forestrija dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ċikli tal-karbonju sostenibbli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-agrikoltura u l-forestrija dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ċikli tal-karbonju sostenibbli, kif maqbul mill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' April 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-agrikoltura u l-forestrija dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ċikli tal-karbonju sostenibbli

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2021 dwar l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030¹;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima²;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt³;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-istrateġija aġġornata dwar il-bijoekonomija⁴;
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-"bijodiversità u l-ħtieġa għal azzjoni urġenti"⁵;
1. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli".

¹ Dokument 13537/21.

² Dokument 9694/21.

³ Dokument 12099/20.

⁴ Dokument 14594/19.

⁵ Dokument 11829/20.

2. JENFASIZZA l-partikolaritajiet tal-agrikoltura u l-forestrija fil-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet klimatiċi. L-agrikoltura u l-forestrija jikkontribwixxu għall-isforz ġenerali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, li jrid jibqa' l-oġettiv ewlieni għall-kisba tan-newtralità klimatika tal-Unjoni Ewropea, u fl-istess ħin huma kapaċi jassorbu u jaħżnu l-karbonju bis-saħħa ta' raggruppamenti tal-karbonju (foresti, ħamrija tal-foresti u prodotti tal-injam, bwar, agroforestrija, ħamrija agrikola, art mistagħdra, eċċ.).
3. JISĦAQ li l-oġettiv tal-produzzjoni sostenibbli tal-ikel għadu l-oġettiv primarju tas-settur agrikolu. JENFASIZZA l-importanza tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom peress li jilhqqu diversi għanijiet, fosthom il-konservazzjoni tal-bijodiversità, iż-żamma u t-titjib tal-produzzjoni tal-bijomassa u l-kontribut tagħhom għall-bijoekonomija sostenibbli. JENFASIZZA li l-agrikoltura u l-forestrija huma wkoll milquta b'mod sinifikanti mit-tibdil fil-klima, li jinfluwenza fost oħrajn il-potenzjal tal-ħżin u jagħmel neċessarju l-adattament tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekosistemi.
4. JAGĦRAF li, sabiex jinkisbu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni, minbarra l-ħidma leġiżlattiva li għaddejja fuq il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", jixraq li jiġu promossi inċentivi volontarji fil-livell tal-manigġers tal-art biex jissaħħu l-bjar tal-karbonju tal-Unjoni billi jinħażen b'mod sostenibbli aktar karbonju fl-agrikoltura, fil-foresti u f'ekosistemi naturali oħra u jinżammu l-istokkijiet tal-karbonju eżistenti, u JILQA' f'dan ir-rigward l-intenzjoni li jiġi estiż l-appoġġ finanzjarju, inkluż mis-settur privat, flimkien mal-Politika Agrikola Komuni - li tappoġġa firxa wiesgħa ta' prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, sekwestru tal-karbonju u prattiki oħra ta' mitigazzjoni tal-klima - u appoġġ pubbliku ieħor.

5. JAPPOĠĠA l-approċ li s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jiġi kkonċepit bħala mudell ta' negozju ekoloġiku volontarju ġdid, kapaċi li jipprovdi sors addizzjonali ta' dħul għall-maniġers tal-art, u jinkoraġġixxi l-użu tiegħu fit-territorju tal-Unjoni; JISĦAQ, madankollu, li r-remunerazzjoni tal-maniġer tal-art trid ttiprovdi biżżejjed incenċivi filwaqt li tevita impatti negattivi sinifikanti u bidliet fl-użu tal-art, pereżempju billi tagħmel l-art inqas affordabbli u disponibbli għall-maniġers tal-art jew tikkawża tnaqqis fil-produzzjoni.
6. JENFASIZZA l-ħtieġa għal informazzjoni u servizzi ta' konsulenza mmirati, inkluż fil-qafas ta' politiki u programmi eżistenti, għall-promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u t-taħriġ tal-maniġers tal-art u partijiet ikkonċernati oħra, u JIKKUNSIDRA li t-trawwim ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni jista' jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
7. IFAKKAR li fuq il-livell tal-UE, il-metan (CH_4) jirrappreżenta 56 % u l-ossidu nitruż (N_2O) 39 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-produzzjoni agrikola⁶, filwaqt li d-diossidu tal-karbonju (CO_2) jirrappreżenta proporzjon minuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, JIEĦU NOTA li ċerti Prattiki agrikoli li jistgħu jżidu s-sekwestru tal-karbonju jistgħu fl-istess ħin jirriżultaw f'emissjonijiet ogħla ta' N_2O u għalhekk JIRRIKONOXXI l-benefiċċju potenzjali ta' approċ integrat għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

⁶ Data għall-2019 ibbażata fuq l-inventarji tal-gassijiet serra tal-UE-27, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Din id-data ma tinkludix l-emissjonijiet mill-konsum tal-enerġija fil-produzzjoni agrikola. Il-metodoloġija dettaljata hija disponibbli fis-sett ta' indikaturi "*Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura fl-Ewropa*" ppubblikat mill-EEA fil-15 ta' Diċembru 2021.

8. IQIS li l-eżempji ta' Prattiki identifikati mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha bħala favorevoli għall-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u ekosistemi oħra huma rilevanti, iżda JENFASIZZA l-ħtieġa li jitqiesu l-kondizzjonijiet diversi tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom meta jiġu vvalutati l-prattiki ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Madankollu, JISĦAQ li l-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jeħtieġ li jaderixxu mal-integrità ambjentali, b'mod partikolari, filwaqt billi jiġu evitati effetti negattivi fuq il-bijodiversità. Fid-dawl ta' dan, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tipprovdi aktar eżempji ta' Prattiki mtejba ta' ġestjoni tal-art, flimkien ma' daww stabbiliti fil-komunikazzjoni, abbażi tal-kunsens xjentifiku attwali.
9. JAGĦRAF l-eżistenza ta' kobenefiċċji assoċjati mal-prattiki msemmija hawn fuq, li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, kif ukoll tal-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-arja.
10. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiddefinixxi qafas ta' ċertifikazzjoni robust fil-livell Ewropew ibbażat fuq metodi xjentifiċi u strumenti dijanjostiċi standardizzati u vvalidati għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-volumi ta' karbonju maħżun u ta' emissjonijiet ta' karbonju u JISSUĠĠERIXXI li tali qafas jinkludi rekwiżit għall-Kummissjoni biex tagħmel verifika indipendenti tal-progress miksub fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u tirrapporta dwaru. JISSOTTOLINJA li, biex tiġi żgurata l-kredibbiltà ta' dan il-qafas, il-kriterji ta' kwalità għolja bħat-trasparenza, l-addizzjonalità, il-permanenza u l-evitar ta' impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità jridu jkunu fil-qalba tiegħu, u m'għandhom jiskoraġġixxu l-ebda sforz attwali mill-manijers tal-art.
11. JISĦAQ li dan il-qafas ta' ċertifikazzjoni futur għandu jkun sempliċi, m'għandux jikkawża piż amministrattiv sproporzjonat sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' min jieħu ħsieb l-art u m'għandux jirriżulta f'sanzjonijiet f'każ li s-sekwestru tal-karbonju jkun aktar baxx milli mistenni għal raġunijiet indipendenti mill-azzjonijiet tal-manijers tal-art.

12. JAPPOĠĠA t-twaqqif rapidu ta' grupp ta' esperti tal-Unjoni li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Istati Membri inkluż mill-forestrija, l-agrikoltura u l-ambjent biex jgħin lill-Kummissjoni tqis l-aħjar Prattiki eżistenti dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. JISSUĠĠERIXXI li dan il-grupp jista', b'mod partikolari, jgħin lill-Kummissjoni tistudja s-sistemi internazzjonali u nazzjonali eżistenti kollha għall-kontabbiltà tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-ħżin tal-karbonju fl-agrikoltura u l-forestrija, kif ukoll is-sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-karbonju li diġà jeżistu. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis il-ħidma tal-grupp ta' esperti bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet potenzjali tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura, inkluż inċentiv akbar biex il-maniġers tal-art inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-livell tal-azjendi agrikoli.
13. JISĦAQ li l-qafas ta' ċertifikazzjoni ser ikollu jinkorpora l-flessibbiltajiet meħtieġa biex jitqiesu l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, u s-sistemi ta' produzzjoni (inkluż id-daqs tal-azjendi agrikoli, l-irqajja' tal-art u l-foresti, il-kundizzjonijiet klimatiċi, it-tipi ta' ħamrija u l-prattiki ta' kultivazzjoni), mingħajr ma tiġi kompromessa l-integrità ambjentali tal-iskema.
14. JENFASIZZA li l-qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni għandu jiġi implimentat b'koerenza sħiħa ma' politiki oħra tal-Unjoni u l-għanijiet tagħhom, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju, ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u mingħajr ma jiddgħajef l-oġettiv tas-sigurtà tal-ikel.
15. JITLOB li l-qafas ta' ċertifikazzjoni futur tal-Unjoni jitfassal b'kont meħud u, jekk possibbli, li jkun kompatibbli ma' inizjattivi nazzjonali eżistenti li għandhom l-istess oġettiv.
16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora jekk u kif il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jista' jkopri firxa usa' ta' Prattiki inkluż l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra u possibbilment il-valur ekonomiku tal-kobenefiċċji mingħajr ma jiġu kompromessi s-sempliċità u ċ-ċarezza tas-sistema.

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis l-elementi stipulati f'dawn il-konklużjonijiet, speċifikament meta tfassal il-proposta leġislattiva tagħha għall-ħolqien ta' qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.
-